MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 618/2012

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Adrian Warrington**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ Bank of Valletta p.l.c., li in forza tieghu, wara li ppremetta illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’hames skritturi privati datati 5 ta’ Ottubru 2006, 16 ta’ Awwissu 2008, 20 ta’ Awwissu 2008, 17 ta’ Gunju 2010 u 13 ta’ Jannar 2011 (Dok. “A”, “B”, “C”, “D” u “E” rispettivament), fejn is-socjeta’ attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Adrian Warrington;

Is-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Adrian Warrington fis-somma ta' wiehed u tletin elf u wiehed u hamsin Ewro u hames centezmi (€31,051.05), bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Adrian Warrington mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "F1 sa F48", "G", "H1 sa H3" u "I1 sa I3"), flimkien mal-imghax ulterjuri mis-6 ta' Gunju 2012 sad-data tal-effettiv pagament;

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dok. "A", "B", "C", "D" u "E") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Adrian Warrington;

(a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Adrian Warrington li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

Il-konvenut Adrian Warrington gie interpellat permezz ta' ittra ufficcjali datata 1 ta' Frar 2012, li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. 'J', sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talab il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn esebiti Dok. "A", "B", "C", "D" u "E"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Adrian Warrington (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Adrian Warrington li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-

possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici ; u

Tikkundanna lil Adrian Warrington ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ wiehed u tletin elf u wiehed u hamsin Ewro u hames centezmi (€31,051.05) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan Accounts*” ta’ Adrian Warrington mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “F1 sa F48”, “G”, “H1 sa H3” u “I1 sa I3”), flimkien mal-imghax ulterjuri mis-6 ta’ Gunju 2012 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata l-1 ta’ Frar 2012, u tal-Mandat ta’ Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment, kontra l-konvenut li huwa ingunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, Adrian Warrington ma pprezenta ebda twegiba ghall-kawza u lanqas deher ghas-smiegh tal-kawza.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti jirrizulta li t-talba tal-Bank rikorrenti hija misthoqqa u ghandha tigi milqugha.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba ta’ Bank of Valletta p.l.c. kif dedotta; tilqa’ wkoll it-tieni talba kif dedotta; bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Adrian Warrington.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------